Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2002

Numru 33/2002

Il-Pulizija
(Spettur Chris Pullicino)

-vs-

Francis Formosa ta’ 32 sena bin Francis u Josephine nee’ Gatt imwieled Pieta’ fid-19 ta’ Settembru 1970 u joqghod “Kensington Court” Flat 8, Bordini Street, St Paul’s Bay (I.D. Nru. 409470(M)

Illum 24 ta’ Settembru 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fis-6 ta’ Marzu 2002 fir-Rabat Ghawdex ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn vettura ta’ ghamla Citroen Berlingo

numru ta' registrazzjoni JON 048 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bin-natura ta' l-oggett misruq u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u sar ghad-detriment ta' Payzone Limited;

U aktar talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn hamsin lira Maltin izda ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' John Rapa.

Semghet l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat.

Rat l-artiklu 261(b), (c) u (g), 264, 271, 267, 278(2), 279(b) u 280 tal-Kap 9.

Issibu hati ta' l-akkuzi numru tnejn u tlieta.

Tilliberah mill-ewwel akkuza li hi alternattiva ghat-tieni.

Hadet qis il-fedina pernali.

Tiddeciedi li fic-cirkostanzi tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tliet snin bl-applikazzjoni ta' l-Artiklu 9 tal-Kap 152.

Wara li rat l-Artiklu 392(A) tal-Kap 9 tordna li l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghat lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------